MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 163/2001/1

**Frank u martu Eva Agius**

**v.**

**Lucy-Ann Agius, armla ta' Paul Agius, f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Michael; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2003, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria u Michael, ahwa Agius, rapprezentanti mill-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, kuraturi deputati nominati; u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2003, il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2003, u minflok b'nota tat-13 ta' Marzu 2003, assumiet l-atti**

**tal-kawza ghan-nom tal-imsemmija minuri Georgina Bugeja**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-1 ta’ Frar 2001, li jaqra hekk:

“Peress li l-konvenuta, mart Paul Agius mejjet, li jigi bin l-atturi weldet tarbija fis-6 ta’ Awwissu 2000, skont kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru 2940 tas-sena 2000 dok. A, minn fejn jirrizulta wkoll li hemm registrat Paul Agius bhala missier it-tarbija, u ghalhekk it-tarbija ggib l-isem ta’ Michael Agius;

“Peress li fil-fatt Paul Agius mhux genetikament missier it-tarbija, u minn issa l-atturi lesti li jissottomettu ruhhom ghal kull ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li Paul Agius mhux missier it-tarbija;

“Tghid il-konvenuta *proprio et nomine* ghala din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara li Paul Agius, iben l-atturi, mhux missier it-tarbija li weldet skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija li jgib in-numru 2940 tas-sena 2000 u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li Paul Agius huwa missier l-imsemmija tarbija ghandu jigi kancellat.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi id-domandi attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-artiklu 81 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att ta' twelid u l-pussess ta' l-istess stat u l-pussess u dan kif gie deciz mis-sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati f’”Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel

El Din et" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2000 u fil-kawza Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001.

“2. Illi l-atturi ma ghandhomx interess guridiku f'din il-kawza stante li l-unika werrieta ta' Paul Agius skond it-testment tieghu redatt min-Nutar Pierre Falzon huma il-konvenuti binthom Marija u ghalhekk ghal din ir-raguni ukoll ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-Gudizzju.

“3. Illi l-artiklu 77 tal-Kodici Civili huwa subordinat ghal artiklu 81 tal-Kodici Civili u dan kif gie deciz fil-kawza Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001, u fil-kawzi "Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri" (Vol.XXXII.ii.309) u Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et" (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000)

“4. Illi in oltre l-artiklu 77 tal-Kodici Civili anke kieku kellu japplika fil-kaz in ezamina ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv ghax huwa ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma jirrizultax illi Paul Agius bejn it-300 gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ma kienx fl-impossibilita' fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien il-boghod minna. Illi huma kienu jghixu flimkien u dan kif gie deciz fil-kawzi "John Scicluna vs Sharon Buhagiar et" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Novembru 1995, fil-kawza Ronald Bray vs Charmaine Bray deciza fid-19 ta' Novembru 1997 u Paul Bugeja vs George Portelli deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 illi u fil-kawza Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001.

“5. Illi bla preguddizju tal-premess l-azzjoni ittentata tikser id-dispozijonijiet tal-Kostituzzjoni Artiklu 32 C u Artiklu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta stante li tali limitazzjonijiet fl-azzjonijiet proponibbli sabiex tigi attakata il-legittimita tal-persuna huma fil-fatt protetti a bazi tal-Artiklu 8(2) ta' l-ewwel skeda tal-Kap. 319 u dan fl-interess tal-familja u dan kif gie deciz fil-kawzi Michael Malchin v. Germany (app. Nru. 21548/93 deciz fil-11 ta'

Jannar 1994 mill-Kummissjoni Ewropeja; M.B. vs the United Kingdom (app. Nru. 22920/93 deciz fis-6 ta' April 1994; Kroon and others vs the Netherlands (Kawza Nru 29/1993/424/503 deciza fis-27 ta' Ottubru; u Nylynd vs Finland (App. Nru 27110/95 deciza fid-29 ta' Gunju 1999) ilkoll decizi mill-Kummissjoni Ewropeja u din ghas-salvagwardja tal-familja.

"6. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza in parte li tat il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-27 ta' Ottubru 2011, li in forza taghha cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna, bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 77 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li, it-tifel taghhom Paul Agius, mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija Michael Agius, li twieldet mill-konvenuta Lucy-Ann, armla ta' l-istess Paul Agius, fis-6 Awissu 2000; kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna l-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-att tat-twelid tat-tifel, numru 2940/2000.

"Minn naha taghhom il-konvenuti qed jopponu ghal din it-talba in bazi ghas-segwenti: [a] li t-tifel ghandu pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu, u ghalhekk josta ghall-azzjoni attrici id-dispost ta' l-artikolu 81, u li dan l-artikolu jipprevali fuq l-artikolu 77; [b] li l-atturi m' ghandhomx interess guridiku biex jipprompwovi din il-kawza;

**"Il-Fatti**

"Illi mill-provi jirrizulta li f' Settembru 1999 Paul u Lucy-Ann, konjugi Agius, li f' dak iz-zmien kellhom it-tifla Maria, isseparaw de facto, u Paul Agius telaq mid-dar

matrimonjali u mar jghix mal-genituri tieghu, l-atturi. F' Ottubru 1999 il-konjugi Agius bdew jitkellmu fuq separazzjoni personali konsenswali.

"Sussegwentement, bil-bidu ta' Novembru 1999 Paul Agius beda jikkoabita ma' Ruth Vella, li maghha kellu relazzjoni extra-matrimonjali, fil-fond "Mayfair Court" Triq il-Lampuki St.Paul's Bay. F' dan iz-zmien il-konvenuta Lucy-Ann Agius harget tqila.

"Fis-16 Frar 2000 l-imsemmi Paul Agius instab mejjet fil-fond "Mayfair Court" fuq indikat; filwaqt li fis-6 Awissu 2002 il-konvenuta Lucy-Ann Agius weldet tarbija, li hi semmiet Michael u li gie fuq l-att tat-twelid tieghu registrat bhala l-wild ta' Paul Agius.

"Illi jidher li wara l-mewt ta' Paul Agius, martu Lucy-Ann, kienet waqghet fi stat dipressiv, tant li ghamlet perijodu ta' zmien tghix l- ma' hutha Maria Rita Bartolo u Georgina Bugeja, f' perijodu separati; u fit-23 Awissu 2002 mietet.

"Illum il-gurnata it-tifel Michael qed jitrabba miz-zija Georgina Bugeja, oht il-konvenuta Lucy-Ann li, fix-xhieda taghha, tghid hekk: "Jiena meta twieled Michael ma kontx informajt lill-genituri ta' Paul b' dan il-fatt…. [omissis] …..Jiena qatt ma nvolvejt lill-genituri ta' Paul fil-hajja ta' Michael. Lanqas ma nvolvejt lil xi familjari ohra ta' Paul fil-hajja tieghu. Ma hemm l-ebda kuntatt bejn Michael u l-familja ta' Paul. Jien it-tifel ma nafx ta'min hu. Naf zgur li hu ta' ohti, ghax rajtu jitwieled."[1] Tghid ukoll li, filwaqt li l-atturi jaghtu rigali lil Maria, lil Michael ma jaghtuhx rigali.

"Maria Rita Bartolo, oht l-istess konvenuta, tghid li "Sa fejn naf jien Michael huwa ta' Pawlu, pero' nghid li ma hemmx bzonn torqod u tqum ma' ragel biex tohrog tqila. Jista' jkun *[sic]* li jien u membri tal-familja tieghi tkellimna fuq il-kwistjoni li Pawlu ma kienx missier Michael. Id-dubji mhux bilfors ikunu verita'" Anke din ix-xhud tikkonferma li "l-atturi ma jkellmux u m' ghandhomx kuntatt ma' Michael" u li l-atturi ma kienux prezenti ghat-twelid tat-tifel "lanqas ma

[1] Kontro-Exami Vol.1 – fol.182

jien informajthom." Tghid ukoll li "Maria mill-banda l-ohra tmur ghand l-atturi regolarment"[2]

"Illi, l-attur minn naha taghhom, jispjegaw li huma jafu li t-tifel Michael m'huwiex it-tifel naturali ta' binhom Paul Agius, peress li meta mar jghix maghhom huwa kien jiftah qalu maghhom, u kien qalilhom, li kien dispjacut hafna li martu kienet harget tqila minn ragel iehor. Jikkonfermaw li minn Settembru 1999 Paul kien mar jghix maghhom, u wara Ottubru mar jikkoabita mal-habiba tieghu Ruth Vella. Dawn jeskludu b' mod kategoriku li t-tifel mhux ta' binhom, u ghalhekk huma ma jirrikonoxxuhx bhala tali, u ma jridux kuntatt mieghu. Di fatti, sitt xhur wara t-twelid tat-tifel, huma bdew il-proceduri odjerni biex jigi rectifikat l-att tat-twelid tat-tifel b' mod li dan ma jibqax jidher li hu t-tifel ta' binhom.

"Fil-verzjoni taghhom, l-atturi jsibu korroborazzjoni fix-xhieda ta' binthom Vicky Bonnici, allura oht, Paul Agius, u fix-xhieda ta' Ruth Vella, il-habiba tieghu.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*"Artikoli 77 u 81*

"[1] Illi rigward il-pregudizzjali dwar jekk id-dispost ta' l-artikolu 77 huwiex subordinat ghal dak li jiddetta l-artikolu 88, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet guridici maghmula minnha fid-digriet precitat, u li tieghu ser tirriproduci l-bran relevanti:

"Illi l-artikolu 81 fis-sub inciz [2] jaghmilha cara li *"it shall not be lawful to contest the status of a child conceived or born in wedlock in respect of a person who possesses a status in conformity with his act of birth."* Ghalhekk ladarba l-persuna jkollha pussess ta' stat konfromi ma' l-att tat-twelid, la hi u lanqas hadd ma jista jikkontesta l-istat legittimu ta' dik il-persuna.

[2] Kontro-ezamijiet – Vol.1 – fols.188-189 u 194-195

"Konformament jinsab ritenut fil-gurisprudenza [*PA[PS] Gino Camilleri vs Maged Fawzy – 31.01.2003]* li hu nammissibbli l-attakk ta' l-istat ta' iben legittimu li jkollu pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu [sub inciz 2]. Dan ghaliex il-pussess ta' stat, similment ghall-att tat-twelid hu prova legali ta' l-istat ta' wild legittimu. Dan ifisser ukoll illi l-ulied ma jkunux jistghu jirreklamaw stat diversi minn dak attribwit lilhom fl-att tat-twelid u mill-pussess ta' stat. "Jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom wkoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att tat-twelid, hadd ma jista' jattakka dak l-istat a bazi ta' l-Art.77 anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita fizika ndikata fl-istess artikolu. Dan gie konfermat fil-kawza *Concetta Conti noe vs Angelo Camilleri [Vol.XXXII.ii.309]"*

*"Pussess ta' Stat*

"[2] Konformament mal-premess, dak li mehtieg li jigi determinat f' dan il-kaz, huwa jekk it-tifel Michael Agius, ghandux pussess ta' stat legittimu fit-termini ta' l-artikolu 80; ghax jekk dan il-pussess jezisti, b' mod li allura jkun konformi ma' l-att tat-twelid, allura japplika l-artikolu 81; izda "fejn l-att tat-twelid jinsab f' kuntrast mar-realta' tar-rapport ta' filjazzjoni, l-impunjattiva hija ammissibbli. Dan in raguni ta' l-interess pubbliku ghall-iskop tac-certezza ta' l-istat familjari kif ukoll fl-interess tal-minuri stess" *[PA Gino Camilleri nomine vs Maged Fawzy Mohammed El Shaer deciza 31 Jannar 2003 riportata fil-kawza PA Muscat Vincenza noe vs Dr.Raymond Zammit et noe.]*

"Illi sabiex jigi determinat jekk it-tifel ghandux pussess ta' stat legittimu, il-Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi, ghandha tistabbilixxi jekk jezistux "gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta' ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu" [Art.80]; fis-sub inciz [2] il-ligi ssemmi "l-ewlenin fuq dawn il-fatti ", hawn taht indikati.

"Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li ma hi tikkondividix il-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali f' dan il-kaz, u cioe' li t-tifel Michael ghandu pussess ta' stat konformi ma' l-att

tat-twelid tieghu.  Sfortunatament ma hemmx indikat fir-rapport ir-raguni fattwali ta’ din il-konkluzjoni tal-perit.

“Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-ezami li jehtieg isir biex tigi determinata din il-vertenza, huwa wiehed ta’ apprezzament tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi akkwiziti; liema apprezzament ta’ din il-Qorti wasslha ghall-konkluzjoni differenti minn dik tal-perit legali, bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet.

““[a] illi t-tifel ikun igib dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li huwa l-iben.”[3]

“Fir-rigward il-Qorti tosserva li, ghalkemm fil-kaz in dizamina, it-tifel ghandu l-kunjom tal-missier, dan il-fatt ghandu valur probatorju negligibbli, tenut kont tal-fatt li t-tifel twieled wara l-mewt tal-missier, u ghalhekk mhux il-kaz ta’ rikonoxximent da parti tal-missier.  Di fatti t-tifel gie registrat bil-kunjom ‘Agius’ minn ommu.

““[b] illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u f’ dik il-kwalita’, haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, sabiex jikkollokah.”

“Huwa car li l-premess ma jissussistix f’ dan il-kaz, stante li l-missier kien diga’ mejjet meta twieled tit-tifel.

““[c] illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

“[d] illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;”
“Illi fir-rigward il-Qorti tosserva li, ghalkemm it-tifel baqa’, u ghadu, jgorr il-kunjom ta’ missieru, l-atturi dejjem ikkontestaw il-legittimita’ tieghu, u dan ex ovo, minn meta t-tifel kien ghadu l-anqas twieled.  Fil-fatt sitt xhur wara t-twelid tat-tifel huma pprezentaw il-kawza odjerna prorpju biex jikkontestaw il-fatt allegat li t-tifel Michael huwa t-tifel ta’ binhom Paul.  Konformament ma’ dan, huma qatt ma riedu, u qatt ma kellhom, kuntatt ma’ dan il-wild, filwaqt li lil ohtu Maria huma jaraw regolarment.  Ghalhekk huwa car li ma jistax validament jinghad li t-tifel Michael gie

[3] Art.80 [2][a]

rikonoxxut mill-familja paterna bhala t-tifel ta' Paul Agius, anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju.

"Illi rigward il-familja materna, ghalkemm il-pozizzjoni tidher fluwida, izda fil-verita' mill-provi hareg li lanqas dawn ma 'gharrfu' il-fatt li t-tifel huwa bin Paul;  u dan johrog mix-xhieda ta' hut l-istess Lucy-Ann Agius, Georgina Bartolo u Maria Rita Bartolo, li fix-xhieda taghhom ikkonfermaw li huma ma kienux informaw lin-nanniet paterni meta kien ser jitwieled it-tifel fl-isptar;  li Georgina Bugeja qatt ma nvolviet l-attur u familjari ohra ta' Paul fil-hajja ta' Michael; u ukoll tghid li t-tifel ma tafx ta' min hu, izda li kienet qed trabbih peress li hi zgura li huwa t-tifel ta' ohta.  Anke Maria Rita Bartolo, fix-xhieda taghha, ghalkemm tipprova taghti l-impressjoni li hi taf li Michael huwa t-tifel ta' Paul, izda mill-istess dispozizzjoni johrog li anke hi ghandha dubji dwar dan.

"Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehema li la jirrizulta l-fatt indikat fis-sub inciz [c], stante li ma ngabux provi li "man-nies" it-tifel kien dejjem maghruf bhala bin Paul; u lanqas jirrizulta l-fatt indikat fis-sub-inciz [d] li huwa kien "maghruf" bhala tali mill-familjari materni, li minn naha taghhom kienu certi biss li Michael kien it-tifel ta' ohthom. Inoltre, il-provi juru li dawn eskludew lill-atturi mill-informazzjoni u mill-hajja dwar it-tifel, filwaqt li accettaw il-kuntatt regolari ta' ohtu Maria ma' l-atturi.

"Fuq l-istregwa tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacentment l-eccezzjoni sollevata minnhom tal-pussess ta' stat legittimu da parti tat-tifel Michael; u ghalhekk jezisti kuntrast bejn l-istat attwali tieghu u l-att tat-twelid in kwantu registrat bhala bin Paul Agius.

*"Interess Guridiku*

"[3] In propozitu l-Qorti tosserva li, ghalkemm l-atturi mhumiex indikati fit-testment ta' Paul Agius bhala l-werrieta tieghu, izda l-atturi ghandhom interess attwali, konkret u guridiku sabiex jippromwovu l-kawza odjerna, stante li bhala axxendenti tat-tifel, li ghadu minuri, huma

bil-ligi jidhlu fl-obbligi kontemplati mill-ligi fl-artikolu 12[c] kif ukoll l-artikolu 617 tal-kap.16.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel tlett eccezzjonijiet ma jreggux.”

Rat li, wara li ottjenew id-debitu permess mill-imsemmija Qorti Civili, il-konvenuti ressqu appell mis-sentenza fuq imsemmija li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghgobha:

“… … tirrevoka u thassar s-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), deciza fis-27 ta’ Ottubru 2011 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa’ l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-intimati appellanti u tichad it-talbiet attrici u dan stante illi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa sub-ordinat ghal Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u stante illi l-atturi m’ghandhomx interess guridiku f’din il-kawza peress illi m’humiex eredi tal-imsemmi Pawlu Agius.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.”

Rat ir-rispposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, iddikjaraw illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi b’dawn il-proceduri l-atturi, il-genituri ta’ Paul Agius, illum mejjet u li kien mizzewweg lil ukoll mejta, Lucy-Ann Agius, qed jittantaw iwaqqghu l-istat ta’ tifel legittimu li ghandu l-minuri Michael, li hu registrat bhala iben Paul u Lucy-Ann mizzewgin Agius.  L-atturi qed jghidu li dan it-tifel Michael mhux iben Paul peress illi meta Lucy-Ann harget tqila b’dan il-wild il-koppja Agius kienu separati *de facto* u qed jigi allegat li Paul ma kellux relazzjonijiet aktar

ma’ martu; Paul Agius miet sitt xhur qabel it-twelid tal-minuri Michael.

Il-konvenuti ressqu eccezzjonijiet ta’ natura preliminari: (a) li l-atturi ma ghandhomx l-interess guridiku mehtieg biex jipproponi din l-azzjoni, u (b) li f’kull kaz, l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li fuqha l-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom, huwa subordinat ghal dak li jipprovdi l-Artikou 81 tal-istess Kodici.

L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet u l-konvenuti ressqu appell ghal quddiem din il-Qorti mis-sentenza relattiva.

Trattat il-kwistjoni tal-interess guridiku, il-Qorti tara li l-atturi qed jibbazzaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jaghti l-fakolta` lill-“kull min ikollu interess” biex jattakka l-filjazzjoni ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg.  Kwindi l-atturi jridu juru li ghandhom l-interess guridiku mehtieg biex ikunu jistghu jressqu din l-azzjoni. L-ewwel Qorti sabet li dan l-interess jezisti, u din il-Qorti taqbel ma’ din id-decizjoni.  L-atturi, f’dan il-mument, huma registrati bhala n-nanniet tal-minuri, u bhala tali, la darba l-genituri tal-minuri huma mejta, huma passibbli li jhallsu manteniment ghalih.  Huwa veru li, f’dan il-mument, l-atturi ma humiex qed imantnu jew irabbu lin-neputijiet taghhom, pero`, jibqa’ l-fatt li, bil-ligi, huma obbligati li jippartecipaw finanzjarjament ghat-trobbija tieghu u l-atturi ghandhom kull interess iwarrbu dan l-obbligu legali minn fuq spallejhom.

Hekk ukoll, f’dan il-mument, wara l-mewt tal-atturi dan il-minuri ghandu dritt *ex lege* ghal-porzjoni rizervata fuq l-assi tal-atturi.  Il-konvenuti jsostnu li binhom Paul Agius kellu tifla, isimha Maria, li ma hemmx kontestazzjoni li hi intitolata ghall-porzjoni rizervata peress li hi accettata bhala bint Paul Agius, u jekk Michael Agius ikun intitolat ukoll ghal din il-porzjoni rizervata sehemu jonqos minn sehem Maria u ma hu se jiehu xejn zejjed mill-wirt tal-atturi.  Din il-Qorti tara, pero`, li l-atturi ghandhom interess ikunu jafu min, wara mewthom, sejjer igawdi mill-porzjoni rizervata.

Apparti li dan l-interess, ankorke` morali, jirradika l-interess guridiku fl-atturi, huma ghandhom dritt ikunu jafu x'inhu u kemm sejjer ikun is-sehem ta' Maria. Huma ghandhom dritt jirregolaw il-wirt taghhom billi, bi preciz, jiddisponi tant ghal kull werriet, u ghandhom interess jaccertaw ruhhom li l-kalkoli li jistghu jaghmlu jkunu korretti.

Oltre dan, l-atturi ghandhom interess ikunu jafu fic-cert id-dixxendenza bijologika taghhom. Ghandhom dritt li tigi stabbilita l-verita`, kif ghandu l-istess dritt il-minuri li jkun jaf min verament hu missieru. Huwa fl-interess ta' kulhadd li r-realta` genetika u bijologika tkun stabbilita. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bordieri v. Aquilina** deciza fit-3 ta' Frar 2012:

*"Interpretazzjoni korretta tal-ligi ma tistax ma ssirx ukoll fid-dawl tad-dispozizzjonijiet li jharsu l-jeddijiet fundamentali, li maghhom ghandha tkun konformi. F'dan il-kuntest hija relevanti l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza* ***Kroon et v. l-Olanda*** *illi "In the Court's opinion, 'respect' for 'family life' requires that biological and social reality prevail over a legal presumption… … …". Ukoll, jekk l-atturi jigu mizmuma milli jfittxu li, bi proceduri gudizzjarji, jeghelbu l-prezunzjoni illi Aiden huwa bin missier mhux maghruf, jista' jkun illi jkunu qeghdin jigu mcahhda minn access ghal Qorti."*

Dan kollu japplika *mutatis mutandis* ghall-meritu ta' dan il-kaz, u fil-fehma ta' din il-Qorti, l-interess tal-atturi li juru li ma tezisti ebda rabta tad-demm bejnhom u l-minuri Michael huwa interess legittimu li jixraqlu harsien, u l-eccezzjoni li ma ghandhomx legittimazzjoni attiva biex imexxu b'din l-azzjoni hija, ghalhekk, michuda.

Fit-tieni lok, il-konvenuti jghidu li l-Artikolu 77 invokat mill-atturi huwa subordinat ghall-Artikolu 81 tal-istess Kodici Civili li ma jippermettix impunjazzjoni ta' stat ta' iben

legittimu jekk il-wild jipposjedi pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu. Dan l-artikolu jiddisponi kif gej:

*"81. (1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*"(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu."*

Il-konvenuti, in sostenn tas-sottomissjoni taghhom, jaghmlu riferenza ghal gurisprudenza lokali li tafferma is-subordinazzjoni tal-Artikolu 77 ghall-Artikolu 81. Hekk, fil-kawza **Healey v. Vella et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fl-1 ta' Marzu 2001, intqal:

*"Illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-Artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-Artikolu 81 li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.*

*"Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skont l-Artikolu 77 sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skont l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu."*

Hemm gurisprudenza ohra fl-istess sens. L-ewwel Qorti accettat dan il-principju, tant li osservat li dak li kien mehtieg li jigi determinat f'dan il-kaz "huwa jekk it-tifel Michael Agius, ghandux pussess ta' stat legittimu fit-terminu tal-Artikolu 80 tal-Kodici Civili". Dan l-Artikolu 80 jghid li l-pussess ta' stat ghandu jigi stabbilit minn "gabra ta' fatti, mehudin flimkien", u l-istess artikolu jelenka, *ad exemplum*, fatti li ghandhom jigu kkunsidrati.

L-ewwel Qorti ghamlet analizi tal-provi mressqa quddiemha u qalet li ma jirrizultax li l-minuri ghandu pussess ta' stat li jaqbel mal-istat legittimu tieghu kif muri

fl-att ta' twelid. Il-konvenuti qed jikkontestaw dan l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan ifisser li dan il-parti tal-appell huwa bbazzat fuq l-apprezzament tal-fatt li ghamlet l-ewwel Qorti u f'kazi bhala dawn huwa principju stabbilit li l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju ta' diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi; u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda l-Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, ma tarax li l-analizi tal-ewwel Qorti kienet hazina. Min-naha tal-familja ta' Paul Agius ma kien hemm qatt rikonoxximent li Michael huwa iben Paul; sa minn meta l-minuri kien f'guf ommu kienu jistqarru li t-tarbija li biha kienet tqila Lucy-Ann kienet rizultat ta' relazzjoni li kellha ma' ragel iehor. L-attrici tghid li binha Paul kien stqarr maghha li martu kienet harget tqila minn haddiehor. L-atturi qatt ma riedu jew kellhom kuntatt ma' dan it-tifel, u kif tammetti l-konvenuta, l-atturi lanqas biss gew mitluba jippartecipaw fit-trobbija tal-minuri. L-atturi fethu din il-kawza ftit wara t-twelid ta' Michael, u l-alakrita` li biha "in-nanniet" fethu din il-kawza wara l-mewt ta' binhom, li qatt ma ra din it-tarbija, certament ma jistax jitqies bhala fatt ta' rikonoxximent tat-tarbija.

Ghar-rigward tal-familja ta' Lucy-Ann, dawn qed irabbu lil Michael bhala bint din Lucy-Ann, u dan ghax hu ovvju u accettat li Michael hu iben din il-mara. Ma jirrizultax, pero`, li dawn jaccettaw inkondizzjonatament li t-tarbija hi bint Paul Agius, tant li jammettu li huma lanqas biss kienu infurmaw lill-atturi bit-twelid ta' Michael, meta normalment missier it-tarbija u/jew in-nanniet paterni jkunu minn tal-ewwel li jkunu avzati, u dan hekk kif il-mara tidhol l-isptar biex twelled. Georgina Bugeja, oht Lucy-Ann, tghid b'mod car illi "jiena t-tifel ma nafx ta' min hu", u meta staqsiet lill-ohtha ta' min kien it-tifel, din Lucy-Ann irrispondietha "imbaghad tkun taf". Minn provi ohra jirrizulta li l-familja tal-omm ghandhom dubbji serji dwar il-paternita` ta' Michael, u qatt ma involvew lill-atturi f'materji li jolqtu lill-

istess tifel. Kwindi ma jistax jinghad li l-minuri jgawdi stat konformi mal-istat li jirrizulta mill-att tat-twelid tieghu, u l-azzjoni attrici tista' tkompli tiehu l-kors taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti appellanti.

L-atti ghandhom jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------